**30 ta' April, 1963**

**Imħallef:**

**Onor J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Charles Galea et

*versus*

Perit Arkitett Oscar Caruana Montaldo et

**Ċitazzjoni — Kollettiva — Nullita ta' — Forma — Proċedura.**

*Biex diversi atturi jkunu jistgħu jaġixxu permezz ta' ċitazzjoni kollettiva jeħtieġ li l-kwistjoni li tkun trid tiġi riżoluta tkun identika għal kull wieħed mill-atturi, u li l-interess derivanti mill-oġġett u b'titolu tal-kawża jkunu komuni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi wara li jsiru

d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jingħataw il-provvedimenti opportuni billi l-attur Galea inkariga lil periti konvenuti biex jibnulu l-ġebel ta' dar f'Old Railway Road, Ħal-Balzan, fuq plot numru dsatax (19) u f'parti fuq plot numru għoxrin fil-pjanta tal-Gvern u l-periti konvenuti bnew l-istess dar skond pjanta approvata mill-istess attur iżda bnewha fin-nofs taż-żewġ plots b'mod li ħallewlu fuq kull naħa tad-dar art li lilu ma tiswilux għall-prezz li biha ħa l-art b'subċens mingħandhom bl-erbatax-il xelin il-qasba, waqt li fuq in-naħa tax-xellug għal min iħares lejn id-dar, minn barra l-art li ħallewlu mhux mibnija taħbat kontigwa ma' art oħra skuntrata tal-istess periti jew ta' ħuthom u billi wara l-konvenju għaxxiri taż-żewġ plots li l-konvenuti xtaqu u talbu li jerġgħu lura mill-istess konvenju billi xtaqu li jagħtuh biss plot waħda, u billi fuq il-parti retroposta tal-bini ċioè fil-ġnien il-konvenuti daħlu fuq art ta' ħaddieħor u ċioè ta' l-attur Anastasi u l-atturi (wara li l-attur Anastasi interpella lill-attur Galea biex jirrimedja kemm għat-tressiq tal-ġnien għal-linja divisorja u għattneħħija tal-ħamrija li l-periti konvenuti xeħtu fuq l-art talattur Anastasi) ftehmu li hu xieraq bejn ġirien li sa jabitaw ħdejn xulxin u fuq ħaġa faċilment rimedjabbli li l-istess periti għandhom jirrimedjaw għall-aġir tagħhom u dan mill-iktar fis possibbli billi l-attur Anastasi ma jistax jibni u qiegħed danni u ilu li avża lil periti konvenuti kważi sena li l-aġir tagħhom kien ħażin, jitolbu li fi żmien qasir u perentorju li tiffissalhom dina l-Qorti l-konvenuti jiġu kkundannati jirrimedjaw għallaġir tagħhom billi jneħħu l-ħamrija li xeħtu fuq l-art ta' l-attur Anastasi u jressqu l-ħajt tal-ġnien li għandu jinbena fuq linja divisorja bejn l-art tal-atturi, u in difett li jagħmlu dan kollu, jekk jgħaddi inutilment it-terminu li tagħti l-Qorti l-atturi jkunu awtorizzati jagħmlu x-xogħol huma fiż-żewġ talbiet dejjem a spejjeż tal-konvenuti, u okkorrendo taħt id-direzzjoni tal-periti li jiġu nominati mill-Qorti. Salva kull azzjoni tal-attur Galea kontra l-konvenuti għall-oġġetti oħra barra l-kwistjonijiet fuq imsemmija tal-ħajt u tal-ħamrija u kull az-

zjoni għad-danni favur l-attur l-ieħor kontra l-istess konvenuti. Bl-ispejjeż b'dawk tal-protest tal-14 ta' Jannar, 1963, kif ukoll bl-ispejjeż tal-ittri uffiċjali li saru bejn l-istess atturi.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konventi, li biha jeċċepixxu, preliminarjament, li l-atturi ma setgħux junixxu ruħhom u jagħmlu kawża b'ċitazzjoni kolletiva, kif iddeċidiet dina l-Qorti in re Azzopardi vs Micallef noe fis-16 ta' Diċembru, 1963 (Vol. XXXVII, ii, 810). Għalhekk iċ-ċitazzjoni hija nulla, fil-meritu u bla preġudizzju ta' l-ewwel eċċezzjoni d-domandi huma (a) għar-rimozjoni ta' ħamrija li tul ix-xogħol ta' l-attur Galea intefet f'art ta' l-attur l-ieħor Anastasi, u (b). demolizzjoni u rikostruzzjoni ta' biċċa żgħira ta' ħajt ta' ġnien bejn il-proprietà ta' l-attur Galea u proprietà ta' ħut il-konvenuti li mhumiex fil-kawża, li l-kawża tar-rimozjoni tal-ħamrija jmissha saret mill-attur Anastasi kontra l-attur l-ieħor Galea, għax il-ħamrija kienet ta' Galea, u talvolta ġiet mit-fuha fuq art ta' Anastasi, u ma jistax l-attur Galea jinverti l-pożizzjoni u jsir attur flimkien ma' Anastasi biex iġiegħel-hom ineħħu l-ħamrija, l-azzjoni diretta kellha tkun kontra Galea, u dan talvolta kien jsejjaħ lilhom, jekk jidhirlu, li t-traspożizzjoni tal-ħajt ma tirrigwarda b'ebda mod lill-attur Anastasi u fuq dan il-ħajt Anastasi, ma jistax jitlob dak li talab fiċ-ċitazzjoni, ċioè li huma jneħħu l-ħajt u jibnuh f'ta' ħut-hom; Anastasi ma jista' qatt jippretendi li jagħmel xogħol hu fuq dan il-ħajt, għax ma jirrigwardahx. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u dik tal-konvenuti.

Semgħet lill-atturi bil-ġurament;

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat fuq il-preġudizzjali opposta mill-konvenuti:

Illi mhux f'dubju li ċ-ċitazzjoni timporta dik li fid-dottrina tissejjaħ ċitazzjoni kollettiva. Il-pretensjoni dedotta biha mill-atturi, kif jidher mill-istess ċitazzjoni u dikjarazzjoni annessa magħha u kif huwa aħjar spjegat fid-depożizzjoni ta' l-atturi, hija li l-konvenuti bħala diretturi, b'inkariku ta' l-attur Galea, fix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-bini tal-fond tiegħu, fuq art proprietà wkoll tiegħu f'Old Bakery Road, Ħal-Balzan, bi żball tagħhom daħlu in parti, għal ftit piedi, fuq art proprietà ta' l-attur Anastasi u bnew il-ħajt diviżorju bejn iż-żewġ proprjetajiet fuq art proprietà esklusiva ta' l-attur Anastasi; u b'konsegwenza ta' l-istess żball, il-ħamrija li nqalet biex isiru l-pedamenti għal kostruzzjoni tal-fond ta' l-attur Galea tefuha fuq l-art proprietà ta' l-attur Anastasi. In bażi għal din il-pretensjoni, l-atturi qegħdin jitolbu li l-konvenuti bħala konsegwenza tal-aġir tagħhom jiġu kundannati jneħħu l-ħamrija li xeħtu fuq l-art ta' l-attur Anastasi, u jressqu l-ħajt imsemmi għal-linja diviżorja bejn l-art proprietà ta' l-attur Galea u dik proprietà ta' l-attur Anastasi fi żmien li tistabbilixxi din il-Qorti u in diffett, li huma jiġu awtorizzati jesegwixxu dan ix-xogħol a spejjeż tal-konvenuti.

Illi l-konvenuti jallegaw li l-atturi ma setgħux junixxu ruħhom u jagħmlu din il-kawża b'ċitazzjoni kollettiva, billi l-kawża għar-rimozjoni tal-ħamrija kien messu għamilha l-attur Anastasi kontra l-attur Galea, li l-ħamrija hija tiegħu u dan, talvolta, isejħilhom fil-kawża jekk ikun jidhirlu, u l-kawża għat-traspożizzjoni tal-ħajt ma tirrigwarda b'ebda mod lill-attur Anastasi, li ma jistax jitlob li huma jiġu kundannati jiddemolixxu l-ħajt in difett li jiddemolih hu minflokhom u jikkostruwih fejn jippretendi li effettivament għandu jinbena.

Illi fis-16 ta' Diċembru 1953, bis-sentenza fil-kawża in re "Azzopardi vs Micallef" din il-Qorti, fuq l-iskorta tal-insenjament prevalenti tad-dottrina u l-ġurisprudenza in propożitu għall-att kollettiv ddeċidiet li huwa meħtieġ mhux biss li l-

kwistjoni li tkun trid tiġi riżoluta tkun identika għal kull wieħed mill-atturi, imma wkoll li l-interess derivanti mit-titolu u *l-oġġett tal-kawża jkun komun, jiġifieri li ċ-ċitazzjoni kollet*tiva hija ammissibbli kull darba li diversi persuni li jiffiguraw bħala atturi, jipproponu azzjoni biex jirrisolvu kwestjoni ta' dritt uniku u identiku u jkun eskluż "a priori" illi mir-riżoluzzjoni tal-istess kwistjoni f'sens jew ieħor, tista' tikkonkorri xi ċirkostanza ta' fatt speċjali għal wieħed jew l-ieħor minn dawn il-persuni atturi. Jekk ma jikkonkorrux dawn ir-rekwiżiti, u l-parti konvenuta topponi ruħha għall-proponibilità tal-azzjoni b'ġudizzju kollettiv, il-Qorti ma tistax tagħmel ħaġa oħra ħlief tiddikjara dak il-ġudizzju mproċedibbli, bħala null;

Illi skond dawn il-prinċipji hekk enunċjati, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-każ in ispeċje ma jinkonkorrux ir-rekwiżiti neċessarji għall-proponibilità ta' l-azzjoni, kif ittentata mill-atturi, b'ġudizzju kollettiv. Infatti, għalkemm sa ċertu punt il-kwestjoni ta' dritt tiġi riżoluta f'din il-kawża tista' tiġi kunsidrata bħala unika u identika għal kull wieħed mill-atturi, dik jiġifieri biex il-ħamrija tiġi rimessa minn fejn ġiet imqiegħda u l-ħajt jiġi demolit minn fejn ġie mibni u rikostitwit band'oħra ma hemmx fl-atturi l-identità u l-komunanza tal-istess derivanti mit-titolu u l-oġġett tal-azzjoni proposta, fis-sens li f'dan il-każ mir-riżoluzzjoni ta' din il-kwestjoni ta' dritt jikkonkorru ċirkostanzi ta' fatt speċjali għal kull wieħed miż-żewġ atturi. Jekk mhux għal ħaġ'oħra, huwa żgur, bħal ma jissottomettu l-konvenuti, li l-attur Anastasi rigward il-pretensjoni għar-rimozjoni tal-ħamrija u t-traspożizzjoni tal-ħajt m'għandux azzjoni diretta għaliex jonqsu t-titolu relattiv kontra tagħhom, imma tal-volta għandu din l-azzjoni kontra l-attur Galea, għaliex ix-xogħol li sar taħt id-direzzjoni tagħhom lamentat mill-atturi, ċioè ix-xħit tal-ħamrija u l-bini tal-ħajt, il-konvenuti huma direttament responsabbli biss lejn l-attur Galea, li nkarigahom jew ippermetta li huma jieħdu dik id-direzzjoni tax-xogħol; responsabbli direttament rigward l-

istess pretensjoni versu l-attur Anastasi huwa biss l-attur Galea, u effettivament l-attur Anastasi, fit-23 ta' Jannar, 1963 interpella uffiċjalment lill-attur Galea biex iħott il-ħajt u jneħħi l-ħamrija.

Illi l-konvenuti jopponu ruħhom għal kumulu tal-ġudizzju u għalhekk minħabba din l-oppożizzjoni, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi dikjarata improċedibbli.

Għal dawn il-motivi

Tilqa' l-preġudizzjali sollevata mill-konvenuti, u tiddikjara li l-azzjoni tal-atturi b'ġudizzju kollettiv mhux ammessibbli u illi bħala tali l-istess hija nulla, bl-ispejjeż kontra l-atturi.